**<u>Minuti tas-sitta u sebgħin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter</u>**

Is-76 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015 fis-6.00 ta' filgħaxija.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Norman Clews u s-Sur Joseph Agius. Is-Sur Nicholas Azzopardi kien skużat.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-minuti tal-75 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Agius tkellem dwar it-tibdil li sar fi Triq Dun Salv Sciberras u ppropona li t-triq issir *one way* kollha billi tingħalaq minn Triq il-Berebis.

Is-Sur Farrugia talab li tiġi rranġata tabella li hemm f'din it-triq, fil-kantuniera ma' Triq l-Għakrux.

Dwar il-linji sofor li hemm fi Triq il-Berebis, is-Sur Farrugia talab li jitneħħew il-kumplament tal-linji li hemm fit-triq fejn it-triq hija dejqa anqas mill-qis stipulat.

<u>Item 4 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn resident dwar talba biex issir *road hump* fi Triq Dun Salv Sciberras kif ukoll biex isir infurzar biex ma jibqax isir sewqan eċċessiv fit-toroq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo, Assistent Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li nforma lill-Kumitat illi l-Ministru laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat biex il-postijiet taċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo u tal-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia ma jiġux dikjarati vakanti.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Iċ-*Chairperson* qal li l-kompetizzjoni tal-boċċi li saret flimkien mal-Klabb tal-Boċċi St Peter kienet suċċess u għal-logħba finali kien preżenti wkoll is-Sur Ġorġ Preca li rrappreżenta lill-Eċċellenza Tagħha l-President tar-Repubblika. Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li l-Kumitat jikkunsidra li fil-futur jtella' attivitajiet oħra bħal kompetizzjoni tal-*billiard* għall-klabbs Żabbarin.

Dwar il-bdil ta' bankina f'parti minn Triq San Leonardu, is-Sur Agius qal li kien ser jiltaqa' fuq il-post mal-kuntrattur sabiex jinbeda x-xogħol.

Dwar ir-rotta numru 120 għall-Isptar Mater Dei, St Luke's kif ukoll Pembroke, is-Sur Agius qal illi l-karozza tal-linja ser tibda tgħaddi mit-toroq ta' St Peter mill-20 ta' Diċembru li ġej.

Is-Sur Clews semma l-ħtieġa li jsir tindif fil-bandli ta' Triq l-Għakrux. Iċ-*Chairperson* semma l-ħtieġa li tiġi rranġata Triq iż-Żarżarell biex din it-triq tkun aċċessibbli.

Iċ-*Chairperson* tkellem ukoll dwar il-ħtieġa li jitneħħa l-qasab u titnaddaf l-art fi Triq il-Farfett tal-Fejġel għal ma' Triq l-Għakrux.

Is-Sur Agius qal li kienu ser jinżebgħu l-linji tat-triq fi Triq San Leonardu.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-77 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 14 ta' Jannar 2016.

Mario Bartolo
*Chairperson*